**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**10 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru 49/14**

**Joseph Sammut**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Joseph Sammut** ipprezentat fit-13 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent kellu r-residenza permanenti tieghu gewwa l-Ingilterra u fil-gimghat li ghaddew haseb sabiex huwa jirritorna gewwa l-gzejjer Maltin.*

*Illi huwa eventwalment dahal f'kuntatt mal-Ministeru konvenut sabiex japplika ghal 'motor vehicle registration tax' ai termini tal-artiklu 19 tal-Kap 368, Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, u ezenzjoni ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vetturi bil-mutur, ai termini tal-Avviz Legali 440 tal-2013 per konsegwenza ta' trasferiment tar-residenza.*

*Illi permezz ta' ittra datata nhar l-4 ta' April 2014, kopja ta' liema ittra qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, huwa gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu kienet giet milqugha u li konsegwentement huwa kien qieghed jigi ssollecitat jirregistra l-istess vettura tieghu, Land Rover Discovery, numru ta' registrazzjoni H937JRX quddiem l-awtorita` kompetenti, responsabbli mit-trasport f'Malta.*

*Illi naturalment kellu jsir billi jithallas dak kollu li kien dovut f'application processing fees, u taxxa ohra dovuta lil entitajiet ohra governattivi.*

*Illi sussegwentement, permezz ta' ittra datata nhar it-22 ta' Mejju 2014, annessa u mmarkata Dok B, l-esponent kien gie nfurmat illi d-decizjoni originali li kienet ittiehdet fil-konfront tieghu kienet qieghda tigi rtirata, u li huwa ma kienx ghadu eligibbli ghall-ezenzjoni imsemmija, u dana wara li l-istess vettura kienet giet spezzjonata minn rapprezentanti tat-technical unit fi hdan it-Transport Malta.*

*Illi r-raguni li inghata l-esponent f'din it-tieni ittra kienet fis-sens illi l-vettura in kwistjoni kienet taqa' fil-kategorija ta' vettura N1, u li l-ezenzjoni kienet tapplika biss ghal vetturi klassifikati bhala M1, ai termini tal-ligi sussidjarja SL368.01.*

*Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u permezz tal-prezenti huwa qieghed jinterponi dan l-umli appell tieghu.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.*

*Illi effettivament jidher li r-raguni ghalxiex l-awtorita` koncernata hadet din it-tip ta' decizjoni kienet peress illi l-istess awtorita` kienet tal-opinjoni illi l-vettura li ghaliha qieghda ssir riferenza hija vettura ta' tip kummercjali u ghalhekk ma taqax fil-kategorija ta' vettura tat-tip M1.*

*Illi madanakollu, bid-dovut rispett, jinghad li din id-decizjoni ttiehdet fuq premessa ghal kollox zbaljata, kif ser jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smieh u t-trattazzjoni ta' dan il-kaz.*

*Illi l-ligi sussidjarja 368.01, regolament numru 4(2), riprodott testwalment jghid is-segwenti:*

> *(2) L-ezenzjoni taht l-artikolu 19(3)(f) tal-Att tinghata fir-rigward ta' vettura bil-mutur M1 jew cikletta li tkun il-proprjeta' personali ta' individwu u tkun qieghda tigi impurtata jew tkun qieghda tingieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta.*

*Illi in segwitu l-esponent jissottometti illi l-applikazzjoni tieghu tissodisfa l-kriterji kollha sabiex l-istess vettura tkun hekk registrata bhala wahda li taqa' fil-kategorija M1.*

*Illi fil-fatt l-esponent ser ikun qieghed jaghmel kuntatt mal-awtoritajiet Inglizi u l-mother company ta' Land Rover sabiex jottjeni d-dokumentazzjoni relattiva sabiex jigi ppruvat illi vettura ta' dan it-tip ma kienet qatt meqjusa jew registrata bhala vettura kummercjali.*

*Illi ghal kull buon fini l-esponent qieghed ukoll jannetti estratt ta' dokumentazzjoni relattiva ghall-vettura in kwistjoni, immarkat bhala Dok C.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-Ministeru kif kontenuta fl-ittra tal-awtorita` datata nhar it-22 ta' Mejju 2014 u konsegwentement jordna illi l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-Kap 368, u l-Avviz Legali numru 440 tal-2013 tigi milqugha mill-gdid, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun. "*

Ra r-risposta tal-**Ministru tal-Finanzi** ipprezentata fl-10 ta' Lulju 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-
"

1. *ILLI fl-ewwel lok, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Ġenerali ai termini tas-**subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta**, u għalhekk, għalkemm il-Ministru tal-Finanzi ġie notifikat fl-20 ta' Ġunju 2014, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *ILLI fit-tieni lok u **in linea preliminari** l-esponent Ministru għall-Finanzi jeċċeppixxi illi r-rikors promotur ġie intavolat tardivament stante illi l-**perjodu** perentorju ta' wieħed u għoxrin ġurnata sabiex wieħed jappella ai termini tar-**regolament 4(11) tar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur [Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviż Legali 440 tas-sena 2013], ma ġiex osservat;***

3. *ILLI **fil-mertu** l-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tar- **Regolament 4 (2) tar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur [Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviż Legali 440 tas-sena 2013]**, fejn l-imsemmi regolament jgħid illi "L-eżenzjoni taħt artikolu 19 (3) tingħata fir-rigward **ta' vettura bil-mutur M1 jew ċikletta** li tkun propjeta' personali ta' individwu u tkun qegħda tiġi impurtata jew tkun qiegħda tinġieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta";*

5. *ILLI fil-każ odjern irriżulta li l-vettura tal-marka Land Rover Discovery Turbo Diesel bin-numru tar-reġistrazzjoni barrani H937 JRX ma taqax taħt il-kategorija rikjesta mil-liġi għall-eżenzjoni tat-taxxa għaliex kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors **l-imsemmija vettura taqa' fil-kategorija N1** u allura la hi bil-mutur M1 u lanqas hi ċikletta;*

*6. Illi għaldaqstant, l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet miċħuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Ra l-verbal tat-12 ta' Jannar 2015 fejn id-difensur tal-Ministru intimat irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni;

Ra is-sentenza preliminari datata 14 ta' April 2015 fejn giet michuda it-tieni eccezzjoni tal-intimat dwar it-tardivita` tal-appell kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Dicembru 2015;

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni sabiex jigi ezentat milli jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura tal-ghamla Land Rover Discovery bin-numru ta' registrazzjoni H937JRX u dan ai termini tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi mid-dokumenti esebiti mar-rikors promutur jirrizulta illi fl-4 ta' April 2014 intbaghtet ittra minghand it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") li permezz taghha r-rikorrent gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kienet giet approvata. Fl-istess ittra gie infurmat li kellu jirregistra l-istess vettura mad-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art.[1]

Illi sussegwentement, intbaghtet ittra ohra datata 22 ta' Mejju 2014, fejn ir-rikorrent gie infurmat mill-istess Bord, illi l-ezenzjoni moghtija fl-ittra tal-4 ta' April 2015 kienet qieghdha tigi revokata peress li rrizulta li l-vettura tieghu taqa' fil-kategorija N1 u mhux M1. Ir-rikorrent gie infurmat ukoll illi seta' jappella tali decizjoni fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data tal-istess decizjoni.[2]

Illi r-**rikorrent** xehed illi huwa kien ilu jghix gewwa l-Ingilterra mil-1966. Jghid li meta iddecieda li jitrasferixxi ruhu hawn Malta huwa nizzel mieghu vettura Land Rover Discovery li kienet ilha ghandu mill-1995 liema vettura huwa kienu juzaha bhala vettura ghall-familja. Meta kien fi triqtu lejn Malta minn Franza huwa kien inghata parir biex il-vettura jghalqilha l-hgieg u jaqla' s-sedili. Jispjega li qabel ma nizel hawn Malta huwa kkuntattja lil Transport Malta u tawh il-permess biex inizzel l-imsemmija vettura. Ir-rikorrent esebixxa wkoll numru ta' ritratti li jindikaw l-uzu domestiku li ghalih kien juza l-istess vettura. Jghid li meta eventwalment nizel Malta huwa rega' wahhal is-sedili lura.

**Frans Attard**, Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board, spjega li wara li l-Bord kien hareg l-*approval* tieghu biex il-vettura in kwistjoni tigi ezentata mit-taxxa ta' registrazzjoni, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta

[1] Dok A a fol. 5 tal-process
[2] Dok B a fol. 6 tal-process

irrizultalha li l-istess vettura ma taqghax fil-kategorija M1 izda fil-kategorija N1 u ghalhekk ma kinitx tikkwalifika ghall-ezenzjoni. Ghaldaqstant il-Bord kien irrevoka l-*approval* tieghu u hareg ir-rifjut. Jispjega illi fic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura mahrug mir-Renju Unit l-"vehicle category" huwa mholli vojt. Jghid li sussegwentement huma raw il-*Vehicle Inspection Form* mahruga minn Transport Malta fejn l-istess vettura giet ikklassfikata bhala vettura N1.

**Brian Farrugia,** Senior Manager fl-Awtorita` ghat-Trasport, spjega li wara li kien hareg l-*approval* mill-Ministeru tal-Finanzi, in-nies teknici tal-Awtorita` kienu spezzjonaw il-vettura in kwistjoni u rrizultalhom li din kienet *panel van* b'*seating capacity* ta' tnejn min-nies u li allura taqa' taht il-kategorija N1, u cioe`, vettura li ggor il-merkanzija sa tlett tunnellati u nofs. Jghid li fir-rigward tal-fatt illi fuq il-*log book* mahrug fir-Renju Unit hemm imnizzel *private* dan jigi hekk imnizzel ghal skop ta' tassazzjoni. Dan ghaliex l-Inglizi jahdmu ftit differenti minn Malta ghax it-taxxa tigi imposta skond l-uzu tal-vettura u cioe` jekk wiehed ikunx qed juzaha bhala vettura privata jew inkella bhala vettura kummercjali jew it-tnejn.

**Ikkunsidra:**

Illi fost il-kriterji li jrid ikollha vettura bil-mutur biex tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, hemm li trid tkun wahda bil-mutur tat-tip M1 jew cikletta.

Illi l-pern tal-appell odjern proprju huwa dwar liema kategorija taqa' fiha l-vettura tar-rikorrenti.

Illi ai termini ta' artikolu 2 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, vettura tat-tip M1 hija definita bhala **"vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver" f**ilwaqt li **"vettura N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati."**

Illi mix-xhieda tar-rikorrent u mid-dokumenti esebiti jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura mahrug mir-Rejnu Unit u esebit bhala Dokument JS 11 a fol. 50 u 51 jirrizulta illi l-*body type* huwa "Van/side windows" u illi l-kategorija ta' tassazzjoni taghha gewwa r-Renju Unit hija "Private/Light Goods";
2. Illi skond ir-rikorrent huwa dejjem uza l-istess vettura bhala wahda privata u kien biss meta kien niezel lejn Malta li qala' xi sedili u ghalqilha t-twieqi ta' wara. Jghid ukoll illi meta l-Awtorita` ghat-

Trasport f'Malta sabet diffikulta bil-mod kifipprezenta l-vettura tieghu huwa rega' wahhal is-sedili u fetah it-twieqi;

3. Illi mid-dokument mahrug mill-British Motor Industry Trust (Dok JS3 a fol. 42) jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni ghandha "Five (+two)" *sedili*.

Illi mid-deposizzjoni ta' Brian Farrugia jirrizulta illi filwaqt li hu ma kienx involut fl-ispezzjoni tal-imsemmija vettura, in-nies teknici tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta kklassifikaw il-vettura in kwistjoni bhala N1 stante li skond huma kienet *panel van* u li s-*seating capacity* kien ta' tnejn. Minn fejn irrizultalhom dan il-fatt ma giex stabbilit stante li l-istess persuni teknici ma gewx prodotti bhala xhieda. Il-prova li hemm dwar is-*seating capacity* tal-vettura in kwistjoni hija pjuttost kontradditorja ghal dak sostnut min-nies teknici tal-Awtorita`. Dan qieghed jigi affermat stante li minn Dok JS3 a fol. 42 tal-process jirrizulta illi n-numru ta' sedili huwa ta' "*five (+two)"*. Illi dan id-dokumenti juri l-informazzjoni teknika tal-vettura in kwistjoni u huwa mahrug mill-British Motor Industry Heritage Trust.

Illi dwar il-kategorija tal-imsemmija vettura, dan it-Tribunal lanqas ma gie fornut b'xi spjegazzjoni felici ghaliex in-nies teknici ikklassfikawh biss bhala *panel van*. Ir-rikorrent spjega r-raguni ghala kien ghalaq it-twieqi u qala' s-sedili. Spjega wkoll illi meta gie Malta, l-ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta qalulu li bil-modifiki li ghamel fuq il-vettura din ma baqghatx tikkwalifika bhala vettura privata u ghalhekk huwa rega' wahhal kollox, inkluz is-sedili, kif kienu originali.

Illi wara li t-Tribunal ikkunsidra dan kollu ma jistghax ma jirrimarkax dwar il-process li bih imxiet l-applikazzjoni odjerna, u dan in kwantu li wara li r-rikorrent applika ghall-ezenzjoni, din inghatatlu u sussegwentement giet revokata. Jirrizulta li l-istess ezenzjoni giet revokata ghaliex wara li giet koncessa, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta baghtet ghalih biex taghmel spezzjoni tal-istess vettura u skond hi rrizultalha li kienet ta' kategorija N1 bil-konsegwenza li mbaghad necessarjament ma baqghatx aktar tikkwalifika ghall-ezenzjoni. Illi dan it-Tribunal jawspika li dan il-process jigi rfinut fis-sens illi l-ispezzjoni teknika ghandha ssir qabel ma tinhareg l-ezenzjoni jew ir-rifjut biex b'hekk jigu eleminati certi zbalji bil-konsegwenza li jkollhom jigu revokati ezenzjonijiet li jkunu diga inghataw.

Illi wara li t-Tribunal ikkunsidra l-provi kollha u l-argumenti mressqa miz-zewg partijiet, huwa tal-fehma illi l-Ministru intimat ma gabx provi sufficjenti biex isahhah dak allegat mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u cioe` li l-vettura hija ta' kategorija N1. Min-naha l-ohra il-provi mressqa mir-rikorrent jissufrugaw dak minnu sottomess, u cioe`, li l-vettura in kwistjoni tikkwalifika bhala vettura M1. It-Tribunal iqis il-provi dokumentarji jikkonfortaw dak sostnut mir-

rikorrent, specjalment meta wiehed iqis li n-numru ta' sedili tal-vettura in kwistjoni huwa "five (+two)". L-ebda vettura kummercjali ma tohrog b'dan in-numru ta' sedili.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Ministru intimat, jichad l-eccezzjonijiet rimanenti.

Bl-ispejjez kontra l-Ministru intimat.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**